MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 325/2002/1

**Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Societa' Italiana Assicurazioni u Riassicurazioni S.p.A. – SIAT kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Alexander Xuereb**

**vs**

**Paul Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentata mill-atturi fis-17 ta' Mejju, 2002 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici noe s-somma ta' elfejn, hames mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tletin centezmu (LM2,528.30) – li minnhom mitejn u tmienja u sebghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm278.30) kienu survey fees – in linea ta' danni minnu kkagunati u mminnha sborsati a favur l-assikurat taggha bhala indennizz in segwitu ghal

incident fuq il-bahar li gara fl-14 ta' Awissu, 2000 fil-bajja tal-Mistra meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq jet ski Nru. S14049 habat mall-kajjik Nru. PTF 892, proprjeta' ta' Alexander Xuereb, li kien ormeggjat – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regoalmenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Dicembru 2001 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh u bl-imghax legali mill-10 ta' Dicembru, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentati mill-konvenut Paul Gauci fejn eccepixxa:

Illi preliminarjament, is-socjeta' attrici trid taghmel il-prova tas-surroga taghha fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Alexander Xuereb u dan bhala sid il-kajjik assikurat taht il-polza ta' assikurazzjoni relattiva.

Illi l-eccipjent jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti limitatament dwar ir-responsabilita' tieghu ghall-incident, liema ncident sehh meta l-eccipjent, li fid-data ta' l-incident kien qed isuq il-'jet ski' tieghu bi speed baxx u b'mod regolari, accidentalment tilef il-kontroll tal-'jet ski' tieghu u baqa' diehed fil-kajjik ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici.

Illi l-eccipjent jopponi t-talba attrici ghall-kundanna tieghu ghall-hlas tas-somma pretiza, stante li din is-somma hija ferm eccessiva u esagerata.

Illi, l-assikurat tas-socjeta' attrici kellu l-obbligu jimmitiga d-danni subiti minnu fuq id-dghajsa tieghu, ma' liema obbligu l-istess assikurat m'ottemperax ruhu.

Salvi Eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizjoni illi grat fil-bajja tal-Mistra fl-14 ta' Awissu, 2000 bejn jet ski bin-numru tar-registrazzjoni S14049 misjuq mill-konvenut u kajjik bin-numru tar-registrazzjoni PTF 892 proprjeta' ta' l-attur Alex Xuereb, liema kajjik kien irmiggjat fil-bajja.

Ikkunsidrat:

Illi l-incident gara bil-mod kif spjega l-konvenut fix-xhieda tieghu a fol. 60, fejn qal illi waqt li kien diehel fil-bajja ghalaq il-gas u l-jet ski ghodos minn quddiem u telgha l-ilma ghal wiccu. Il-konvenut inhasad u dawwar wiccu biex ma jixxarrabx. Waqt li kien qieghed f'dik il-posizzjoni, gibed fuq il-*handle bar* u minghajr ma kien jaf rega' dawwar il-gas. Peress illi l-konvenut Gauci fih persuna tqila, l-jet ski dbandal u nduna li ser jitlef il-bilanc u ser jispicca fil-bahar. Sa dan it-tant, il-jet ski ha l-gas u harab minn taht idejh u baqa' diehel fil-luzzu ta' Xuereb. Il-konvenut kien diga waqa' l-bahar qabel ma l-jet ski laqghat il-luzzu.

Il-kajjik gie spezzjonat minn diversi *surveyors* u anki minn Paul Cardona, li huwa *marine onsultant*, fejn ghamel ir-rapport tieghu [fol. 48] u spjega li kajjik sofra:
1. "One tear about 450 mm long on the starboard side bow;
2. Bulwark on both sides distorted and torn and detached from deck;
3. Deck moulding fractured at bow;
4. Engine mountings are now suspect;
5. Stainless steel fuel tank dislodged."

Minkejja li l-kajjik sofra hsarat serji, ma kienx *beyond economical repair* u s-*surveyors* kollha qablu illi l-hsara kellha tissewwa. Pero' kien hemm problema serja dwar iz-zebgha.

Irrizulta li l-kajjik gie mibni u mizbugh b'dak illi huwa maghrufa bhala *gel coat finish*, fejn iz-zebgha tkun maghmula fil-*fibreglass* stess. Din ghandha vantagg illi m'ghandhiex ghalfejn terga tinzebagh tul il-hajja tal-kajjik. Pero' l-izvantagg huwa illi jekk taqla' xi daqqa bhalma gara f'dan il-kaz, allura t-tiswija ma jkollhix iz-zebgha go fiha u din trid issir bi *spray* normali fuq il-qoxra.

Hekk kellu jsir f'dan il-kaz u l-kajjik tilef hafna mill-valur tieghu. Jidher illi saret hafna korrispondenza u gew imqabbda diversi esperti biex jaraw tistax tinstab soluzzjoni ghal din il-problema. Pero' hija mpossibbli illi l-kajjik jissewwa bl-istess mod biz-zebgha goll-*fibreglass*. Ghalhekk dan issewwa b'mod konvenzjonali skond is-sengha u fuq dan m'hemmx dubju, u mbaghad inghata l-i*spray* fuq barra.

Naturament sid-il kajjik, Alexander Xuereb ma kienx kuntent b'dan l-arrangament. Pero' fl-ahhar mill-ahhar ma kienx hemm mod iehor ghajr illi jsir *hull* gdid, izda kif xehed Paul Ellul, *surveyor* ma' l-MSB [fol. 34] *hull* bhala ta' l-attur m'ghadux isir u ghalhekk l-attur kellu joqghod ghal tiswija konvenzjonali u wasal f'arrangament mall-kumpanija assikuratrici fejn hallsitu elfejn, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2,250) kwantu ghal (Lm1,550) bhala tiswija u kwantu ghal seba' mitt lira Maltin (Lm700) *depreciation*.

Hawnhekk Xuereb deher illi kien kuntent u dar fuq il-konvenut ghall-kumpens. Pero' minn naha tieghu l-konvenut sab diffikulta mall-kumpanija assikuratrici tieghu, illi rrifjutat illi tonora t-talba ghall-kumpens peress illi skond il-kumpanija assikuratrici, Gauci kien qieghed jeccedi l-ghaxar (10*) knots* fil-bajja u quindi l-polza tieghu ma kinitx tkopri. Pero' din hija xi haga nterna bejn Gauci u l-kumpanija assikuratrici tieghu u ma tinvolvix din il-kawza.

Irrizulta wkoll illi l-atturi hallsu l-ammont ta' mitejn u tmeinja u sebghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm278.30) bhala *survey fees*.

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak illi jirrigwarda r-responsabilita’, l-Qorti jidhrilha li l-konvenut wera’ nuqqas ta’ hila fil-maneggjar u sewqan tal-jet ski. Jidher illi huwa kien qed javvicina l-bajja bi *speed* gholi tant illi meta naqqas l-i*speed*, il-jet ski nizlet minn quddiem u tar l-ilma ghal go wiccu. Persuna li taf thaddem il-jet ski b’mod professjonali, ma kienx ihalli sitwazzjoni bhal din tavverra ruhha, b’tali mod illi huwa ghal xi mumenti tilef il-kontroll tal-jet ski biex b’hekk baqa’ diehel fuq il-kajjik ta’ Alexander Xuereb.

Ghalhekk il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju illi ghal dak illi hija responsabilita’ l-konvenut ghandu jerfa’ fuq spallejh il-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ hila tieghu fil-manuvrar tal-jet ski.

Ghal dawk illi huma d-danni, l-kwistjoni hija komplikata bil-fatt illi l-kajjik kellu *gel coat finish*, f’liema kaz ma kienx possibbli teknikament illi dan jigi ri-prodott bhala tiswija. Ghalhekk ma kienx hemm mod iehor hlief illi Xuereb jinghata ammont ta’ *depreciation* bhala kumpens ghat-telf illi kien sejjer isofri. Minkejja li l-prodott finali bhala tiswija kellha tkun estetikament accettabbli u bhal dak illi kellu qabel, pero’ l-materja tat-tiswija qatt ma setghet tkun bhal materjal illi kellu qabel.

Jidher illi dahlu diversi *surveyors* u esperti marittimi illi kollha kienu tal-fehma illi l-*gel coat finish* ma seta’ qatt jigi ri-prodott bhala tiswija u l-ghazla kienet illi jsir *hull* gdid. Izda *hull* bhal ma kellu l-attur m’ghadux isir go Malta u ghalhekk lanqas dan ma kien possibbli illi jsir.

Fl-isfond ta’ dawn id-diffikultajiet, ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-ghazla ta’ l-atturi kienet wahda gusta u ragonevoli fic-cirkostanzi u ghalhekk, l-attur kien gustifikat illi jiehu ammont ta’ deprezzament, li gie kkalkulat fl-ammont ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700), filwaqt li t-tiswija giet stmata fl-ammont ta’ elf u hames mija u hamsin lira Maltin(Lm1,550). Dawn l-ammonti gew accettati minn Xuereb fejn irrelaxxa *acceptance and discharge form* illi tidher a fol. 46 tal-process.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-atturi huma gustifikati illi jitolbu l-ammont reklamat, kemm ghal dak illi jirrigwarda tiswija u deprezzament, kif ukoll is-*survey fees*.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut illi jhallasha l-ammont ta' elfejn u hames mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm2,528.30), li jinkludu mitejn u tmienja u sebghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm278.30) bhala *survey fees* in linea ta' danni minnu kkagunati u sborzati a favur ta' l-assikurat taghha, Alexander Xuereb, bhala indenniz in segwitu ghall-incident fuq il-bahar illi gara fl-14 ta' Awissu, 2000 fil-bajja tal-Mistra waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-jet ski numru tar-registrazzjoni S 14049 u habat mall-kajjik bin-numru tar-registrazzjoni PTF 892, proprjeta' ta' Alexander Xuereb.

U dana minhabba imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz ghas-smigh kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------